

31997R2599

23.12.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 351/17

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2599/97****tat-18 ta' Diċembru 1997**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2262/84 li jippreskrivi miżuri speċjali fir-rigward taż-żejt taż-żebbuġa.**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej u, b'mod partikolari, l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Billi, skond l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2262/84 (³), il-Kunsill, li qiegħed jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta qabel 1 ta' Jannar 1998 il-metodu sabiex jiffinanzja l-infiq attwali ta' l-aġenziji sa mis-sena tal-marketing 1998/99;

Billi xogħol li normalment ikun fdat lill-aġenziji għandu jitwettaq matul is-sena tas-suq 1998/99, billi, bħala riżultat, għandu jsir provvedimenti għal kontribuzzjoni mill-Komunità għan-nefqa ta' l-aġenziji għal dak il-perjodu sabiex ikun assigurat li jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effettiv u skond ir-regolamenti fi ħdan il-qafas ta' l-awtonomija amministrattiva kif provdut fir-Regolament (KEE) Nru 2262/84,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-aħħar żewġ subparagrafi ta' l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2262/84 huma hawnhekk mibdula b'dan li ġej:

“50 % tan-nefqa attwali ta' l-aġenziji għall-marketing għass-sena ta' 1998/99 għandu jkun kopert mill-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

Qabel l-1 ta' Ottubru 1998, il-Kummissjoni għandha tikkonsidra l-ħtieġa sabiex tħares il-kontribuzzjoni tal-Komunità għan-nefqa ta' l-aġenziji u, fejn xieraq, għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill. Skond il-proċedura kif provdut fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, il-Kunsill għandu jiddeċi qabel l-1 ta' Jannar 1999 fuq kull finanzjament tan-nefqa in kwistjoni.”

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol b'seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1997.

**Għall- Kunsill****Il-President**

F. BODEN

(¹) ĠU C 343, tat-13.11.1997, p. 16.

(²) L-Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Diċembru 1997 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(³) ĠU L 208, tat-3.8.1984, p. 11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendant bir-Regolament (KE) Nru 533/97 (ĠU L 83, tal-25.3.1997, p. 1).